# GHALIEX MULEJJA?

*Ta'* ĠUŻE' CARDONA

**Lill-Prof. Ġużè Galea**
b'turija ta' l-akbar Qima.

Għaliex, għaliex Mulejja
Fid-dinja dat-taħwid?
Għaliex jaħasra, Sidi,
Bil-qerq iħallsu l-ġid
Li tagħmel INT mal-ħlejjaq,
Il-ħlejjaq li jkasbruk?

Għaliex il-qawwi jgħakkes
Id-dgħajjef u l-mikdud
U flok li jħarsu u jgħinu
Jifraħ jarah bħad-dud,
Ma' l-art jitkaxkar, mgħaffeġ,
Hekk li jixtieq imut!

Għaliex iż-żgħir jitkabbar
U jara 'l kulħadd xejn?
Ma jafx li l-kobor f'Alla
U Miegħu għandna dejn,
Li qatt ma naslu nħallsu
Bil-ħidma tagħna biss!

Għaliex jittanta jgħaddi
Bi twajjeb il-brikkun?
Ma jafx li quddiem GĦERFEK
Fil-Ħaqq mikxuf ikun
U jitlef kull ma ġabar
Fis-saltna tan-nirien!

Għaliex is-sliem u l-hena,
Iġarraf ġewwa d-djar,
Irġiel u nisa jifred...
Ma kienx għalih aħjar
Li mara ħielsa jagħżel
U jgħix kif INTI xtaqt?

Għaliex il-għaqda jeqred
Li tqaddes żwieġ nisrani,
Jirrofta wlied aktar
Biex jagħmel bħall-barrani
U bħalu, bla mistħija
**MINGHAJREK igħix għaż-żina.**

Għaliex il-mard, il-gwerer,
Għaliex dan it-tiġrib?
Min jista' d-dinja jifhem,
Tweġiba xierqa jsib?
U kollox jibda miexi
Kif INTI xtaqt u ridt!

"GHALIEX FIL-QALB TAL-BNIEDEM
UREJTU JIEN IT-TRIQ,
LI KELLHA TWASSLU GHANDI
TEHILSU MILL-ILFIQ...
HU RIED JIĠĠERRA WAHDU
INTILEF FIL-WIDIEN...

KEMM GHAD IRID JIĠĠERRA
KEMM GHAD IXERRED DMUGH
KEMM GHAD IRID JINFENA
SAKEMM TIRBAH IR-RUH
U FL-AHHAR ISIB TRIQTI
MINN RIMORS KBIR MISJUQ!

GHALIEX — issokta Alla —,
JIEN RIDT INKUN HANIN
IL-BNIEDEM HLAQTU HIELES
'MA DAN SWIELU HAŻIN
GHAX RIEDA BLA TRAŻŻIN
BHAL ĠAWHAR F'GHONQ XI DIB.